**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 04/10(28_04_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 28 t' April 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 t' April 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Kwotazzjonijiet għal Għamara tat-Toroq u *Playing Field*.
6. Kuntratt għall-Ġbir ta' Skart Separat u *Bring in Sites*.
7. Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 46/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*MEUSAC* – Għajnuna fil-mili tal-Applikazzjonijiet għal Proġetti taħt il-Programmi ta' Fondi tal-Unjoni Ewropea'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 47/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari Numru 15985'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 48/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsijiet Parlamentari Numri 15986 u 15987'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 49/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari Numru 15988'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 50/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Manutenzjoni jew Kisi mill-Ġdid ta' Toroq għas-sena 2010'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 51/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'WIFI Access Points'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 52/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 53/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari Numru 15042'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 54/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari Numru 15044'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 55/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsijiet Parlamentari Numri 15047 u 15051'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 56/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsijiet Parlamentari Numri 16382 u 16383'.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Government Property Division rigward 'Devolution of properties in Għajnsielem, Żurrieq and Xlendi'.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Malta rigward *Seminar* dwar Avviż Legali 29 tal-2010 u l-miżuri ġodda li jinkorpora fih, fil-15 t' April 2010 f' Dar il-Mediterran, fil-Belt Valletta.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. fejn qed jinforma lill-Kunsill bil-Koordinatriċi responsabbli mill-Kuntratt għal Maintenance of Street Lighting f' uffiċċju tagħhom.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Pulizija rigward is-servizz tal-Pulizija mal-Kunsilli Lokali sabiex nibnu relazzjoni iktar b' saħħitha kif ukoll nipprovdu għejxien aħjar fil-komunita'.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-E.T.C. rigward *Seminar* għall-Kunsilli Lokali Għawdxin, fid-9 t' April 2010 fil-Grand Hotel, Mġarr, fejn il-Kunsilli ser jiġu *updated* bis-servizzi u proġetti li din il-Korporazzjoni qiegħda preżentament toffri.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Planning Control Section tal-MEPA, informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 0010/10 – *To establish zoning building heights and street alignments of rationalisation exercise sheet* fl-*area* ta' Rinota, Munxar għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 04284/09 – *Structural alterations to construct 'access to all' passenger lift and guest facilities at level 3* fi Triq San Xmun u Triq il-Puniċi, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 05131/09 – *To sanction variations from previous permissions PA2162/00 and PA1091/01, and to carry out alterations and extension at roof level and to convert existing washrooms to penthouse* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina, Munxar, Applikazzjoni Nru. 00905/10 – *Proposed extension at third floor level and washroom at roof level to dwelling house* fi Triq ir-Rabat, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 00943/10 – *To demolish existing building and construct basement garage for private cars and three overlying two storey dwellings* fi Triq ix-Xlendi, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Ċirkulari AKL Ċirk 26/2010 – MEPA Policy on the Permitting of large Combustion Plants.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward il-laqgħa sabiex tiġi diskussa PC 0050/08 – *To establish zoning, building heights and alignment of roads and buildings*, fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Għawdex.

2.21 Il-Kunsill irċieva mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, OPM Circular No. 10/2010 rigward 'Funeral of the Late President of the Republic of Poland'.

2.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Criminology Association rigward il-'MACA Conference' fit-23 t' April 2010, fil-Dolmen Hotel.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00081/10 – *Proposed fixing of signs and temporary canopy* fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Training Seminar: Getting Through European Funds' fis-26 t' April 2010, fil-Corinthia San Ġorġ.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA aktar informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 00081/10 – *Proposed fixing of signs and temporary canopy* fi Triq ix-Xatt, Xlendi u l-Kunsill ġie mitlub jgħaddi l-kummenti tiegħu dwar dan l-iżvilupp.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-GRTU rigward il-Konferenza 'Delivering SME policies in remote areas of the EU: from good practice to more effective development models', fis-7 ta' Mejju 2010 fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator* fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn informawna li l-*policy* hi li ser isiru WIFI wieħed f' kull lokalita' u fil-Pjazza ewlenija. Il-Kunsill intalab jagħżel il-post fejn dan il-WIFI ser jiġi installat. Il-Kunsill iddeċieda li dan il-WIFI jiġi installat fuq il-bejt ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill kien ser jerġa' jitlob sabiex isir WIFI ieħor fil-*Parking* tax-Xlendi.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* - Kumitat Lejlet Lapsi - Notte Gozitana 2010 fejn informa lill-Kunsill li t-tinda tal-Kunsill ser tkun b' qies 4 metri b' 4 metri u li sal-Ġimgħa, 30 t' April 2010 il-Kunsill jipprovdi CD b' 5 ritratti tal-lokalita' li nixtiequ li jiġu esibiti u jkunu jistgħu jinnegozjaw prezz tajjeb għall-istampar tagħhom fl-istess daqs u format iżda l-Kunsill jiġi informat bil-prezz.
F' din l-*e-mail* huwa qed jitlob lista ta' persuni li ser ikunu jaħdmu arti/artiġjanat fl-i*stand* u l-ġeneru li ser ikunu jaħdmu, dettalji dwar prodotti ta' ikel tradizzjonali li ser jinbiegħ mill-i*stand* u dettalji dwar *items* kulturali.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kellem lis-Sur Mario Bugeja – *Stained Glass*, lil Ms Mary Louise Bajada – Bizzilla u lis-Sur Paul Curmi – Skultura.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Aċċessibilta' aħjar fil-Lokalitajiet. Huma qed jitolbu kopja tal-permessi jew rapport tal-KNPD sabiex l-applikazzjoni tal-Kunsill tiġi kkunsidrata. Il-Kunsill ser iwieġeb lid-Dipartiment li għadu ma applikax għall-permessi meħtieġa peress li s'issa l-proprjeta' għadha ma ġietx devoluta lill-Kunsill Lokali minħabba li l-*basement garage* qed jintuża mill-Pulizija.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 04/10(28_04_10).

**5.00 Kwotazzjonijiet għal Għamara tat-Toroq u *Playing Field*.**

5.01 Il-Kunsill beda jevalwa l-kwotazzjonijiet li rċieva wara li kienet saret sejħa fuq il-gazzetti. Ġie deċiż li jiġu ordnati dawn:

Anton Zarb - 7 *Litter Bins* għall-*Playing Field* bil-€253.70 kull wieħed għal total ta' €1,775.90 VAT inkluża, 4 Bankijiet għall-*Playing Field* bil-€292.05 kull wieħed għal total ta' €1,168.20 VAT inkluża u Bank wieħed għall-*Playing Field* bil-€231.22 VAT inkluża.

Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. – 3 *Esteban Flower Pots* għall-*Playing Field* bil-€245.69 kull waħda għal total ta' €737.07 VAT inkluża, 3 *Circular Flower Pots* għall-*Playing Field* bl-€434.14 kull waħda għal total ta' €1,302.42 VAT inkluża, 4 *Oval Flower Pots* għall-*Playing Field* bit-€322.46 kull waħda għal total ta' €1,289.84 VAT inkluża, 2 *D-Type Flower Pots* għall-*Playing Field* bil-€245.69 kull waħda għal total ta' €491.38 VAT inkluża, 2 *Slice Flower Pots* għall-*Playing Field* bil-€273.60 kull waħda għal total ta' €547.20 VAT inkluża, 2 *Precast 3 Elemented Bike Racks* għall-*Playing Field* bil-€294.00 kull waħda għal total ta' €588.00 VAT inkluża, 25 *Trio Benches* għax-Xlendi bit-€385.28 kull wieħed għal total ta' €9,632.00 VAT inkluża u 19 *Precast Terrazzo Litter Bins* għax-Xlendi bl-€443.91 kull wieħed għal total ta' €8,434.29 VAT inkluża.

Green Skip Services Ltd. – 25 *PVC Benches* għax-Xlendi bl-€413.00 kull wieħed għal total ta' €10,325.00 VAT inkluża.

Xiri ta' bankijiet u *litter bins* għax-Xlendi ser jitħallsu mill-Fond UIF tal-MEPA.

**6.00 Kuntratt għall-Ġbir ta' Skart Separat u *Bring in Sites.***

6.01 Wara li kienu ltaqgħu mas-Sindki t' Għawdex, il-Kunsill evalwa ż-żewġ offerti mingħand il-Green MT u l-Green Pak. Peress li l-maġġoranza tal-Kunsilli għażlu lill-Green MT, dawn qed joffru pakkett vantaġġjuż ħafna li jikkonsisti:

- Garantita tad-darbtejn ġbir kull ġimgħa (Kull Lokalita').
- €30 fil-ġimgħa lil kull Kunsill.
- Borza l-griża b' xejn.
- Kampanja Edukattiva u *ECO - Councillors* iduru bieb bieb.
- €500 kull lokalita' għal attivita' marbuta ma' l-ambjent.
- Il-ħlas għal kull tunnellata 'il fuq minn dak li qed jinġabar illum.
- Sorveljanza mal-*Bring in Sites*.
- *Bring in Sites* iżgħar għal dawk il-lokalitajiet li jaċċettawhom.
- Ġbir ta' Skart Separat mill-ħwienet u l-attivitajiet kummerċjali.
- *Bins* għall-Festi – Karnival etċ…. li jkunu bl-iskart separat.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-offerta tal-Green MT.

**7.00 Skemi ta' Enerġija Alternattiva għar-Residenti tal-Lokalita'.**

7.01 Wara li l-Kunsill kien ħareġ *Expression of Interest*, tliet Kumpaniji wrew interess. Id-dokumenti qed jiġu evalwati mill-Inġinier Mario Galea mill-Kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. sabiex ikun jista' jibgħat ir-rakkmandazzjoni tiegħu.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur MPJ Ltd. għadu kemm lesta t-tpoġġija tal-madum. Bħalissa beda l-bini tal-*Gazebo* u l-Kuntrattur JGC Ltd. għadu kemm waħħal l-*Outside Gym*. Il-ħaddiema ta' l-IPSL qegħdin jiżbgħu l-bankijiet u qegħdin jiksu xi ħitan fil-*Playing Field*. Fil-jiem li ġejjin għandu jibda xogħol ta' *patching* fit-toroq tal-Munxar.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ltqajna mal-Perit Saliba dwar il-bankina ta' quddiem ir-residenza tas-Sur Piazzi. Fuq parir tal-Perit, il-Kunsill lest li għamel bankina skont speċifikazzjonijiet u skont kif jitolbu r-regolamenti.

9.02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa organizzata mit-Transport Malta dwar regolamenti *draft* għal meta jsiru xogħlijiet fit-toroq.

9.03 Is-Sindku kellu wkoll laqgħa mas-Sur Manwel Darmanin mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern flimkien ma' membru ta' Din l-Art Ħelwa dwar aċċess għat-Torri tax-Xlendi. Is-Sur Darmanin qed jissuġġerixxi li l-Kunsill u Din l-Art Ħelwa jitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir esproprjazzjoni għall-passaġġ minn fejn ikunu jistgħu jgħaddu vetturi.

9.04 Is-Sindku kiteb lill-Fisheries Conservation and Control Division u lit-Transport Malta rigward il-ħmieġ li hemm fil-*boatyard* tax-Xlendi. Din is-sena slielen tal-baħar ser isiru tlieta.
Is-Sindku wassal applikazzjoni dwar Tourism Grant Scheme u attenda għal *Seminar* tal-MEUSAC dwar applikazzjonijiet għal fondi mill-Unjoni Ewropea. Attenda wkoll laqgħa tal-Kunsill Malti għall-Isport.

9.05 Il-Kunsill kien ser jippreżenta lista' ta' xogħlijiet li jistgħu jsiru minn ħaddiema ta' l-IPSL.

- Żebgħa ta' *Gazebo* – Ġnien Ragalna.
- Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ.
- Bankini ġodda li suppost isiru mill-Gvern Ċentrali u jagħtina l-materjal il-Ministeru għal Għawdex.
- Toqob tal-Festa.
- Bini ta' kurduna fuq bankina.
- Ħamrija fil-*Playing Field*.
- Bini ta' ħajt fi Triq il-Kappar.
- Bini ta' ħajt fi Triq Żgħawri.
- Kisi tal-moll tax-Xlendi.
- Twaħħil ta' madum quddiem iċ-Churchill Restaurant.
- Twaħħil ta' *clips* tal-*Conduit* tad-Dawl.
- Qtugħ ta' ħaxix minn sqaqien.
- Twaħħil u bdil ta' tabelli.
- Jitnaddaf taraġ li jagħti għal Triq ix-Xlendi.
- Xogħol ta' żebgħa fl-Uffiċċju tas-Sindku u uffiċċji oħra.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li issa li l-Kuntrattur MPJ Ltd. huwa lest, il-Perit għandu joħroġ il-kontijiet mingħajr dewmien bla bżonn għax inkella l-Kunsill ma jkunx jista' jidħol għal *commitments* aktar, qabel ma jkun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja attwali. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Perit Saliba u jingħata żmien sal-15 ta' Mejju 2010 biex ikun jista' jippreżenta l-kontijiet ta' xogħol li sar minn MPJ Ltd. fil-*Playing Field* il-ġdida.

10.02 F' xi partijiet tal-*Playing Field* il-ġdida hemm bżonn li jsir xi *railing*. It-tul huwa ta' 80 metru u peress li hu stmat li l-ispiża taqbeż l-€4658, ser issir sejħa għall-offerti. Il-Kunsill għażel wieħed mid-disinni ppreżentati. Kien hemm qbil dwar dan.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sid ta' għalqa maġenb il-Wied tax-Xlendi qed jitlob sabiex il-passaġġ jitwitta b' gaffa peress li l-wiċċ inqala' bl-ilma tax-xita, x-Xitwa li għaddiet. Kien hemm qbil dwar dan.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret laqgħa bejn is-Segretarji Eżekuttivi u s-Sindki tal-Kunsilli Munxar, Sannat, Xewkija u Xagħra u sar qbil li l-offerta għal ġbir ta' skart issir flimkien. Fil-ġranet li ġejjin is-Segretarji Eżekuttivi ser jiltaqgħu sabiex jibda jitfassal id-dokument.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ser japplika għal dawn it-toroq sabiex jidħlu fl-iskema ta' *Public Private Partnership*:

| Isem ta' Triq | Ammont |
|---|---|
| Triq il-Kavallieri | €18,111.00 |
| Triq ir-Rumani | €34,295.00 |
| Triq is-Sajjieda | €5,075.60 |
| Triq is-Sienja | €4,146.00 |
| No Name, Xlendi | €6,581.00 |
| Triq ta' Rinota/Andrijiet | €77,816.00 |
| | €146,024.60 |

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sinjura Carmen Said issuġġeriet li r-*road humps* tal-Munxar għandhom jinżebgħu. Il-Kunsill ħa nota sabiex dawn jinżebgħu mill-ħaddiema ta' l-IPSL.
Hija staqsiet ukoll jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar meta ser jinbeda x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq ix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li għad ma hemm l-ebda informazzjoni. Is-Sinjura Said issuġġeriet li l-Kunsill jitlob informazzjoni mingħand il-Ministeru għal Għawdex. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex.

11.02 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri qed jipproponi li issa li ser jinbeda x-xogħol fi Triq ix-Xlendi, peress li t-traffiku jgħaddi kollu mill-Munxar, il-Kunsill jagħmel tabella ta' *give way* viċin il-fabbrika Tas-Sajku peress li parti mit-triq hija dejqa ħafna. Kien hemm qbil dwar dan.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Pjazza tal-Knisja hija mudlama u jekk din ma tiddawwalx jista' jiġri xi inċident. Aktar qed jinħass il-bżonn li din tiddawwal peress li dalwaqt jinbeda x-xogħol fi Triq ix-Xlendi u t-traffiku tax-Xlendi jgħaddi kollu mill-Munxar. Kien hemm qbil li din il-pjazza tiddawwal.

12.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li residenti ta' Triq l-Għar ta' Karolina qed jitolbu sabiex *double yellow line* jsir *single yellow line*. Kien hemm qbil u l-Kunsill ser jitlob approvazzjoni mit-Transport Malta.

12.03 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ġimgħa d-dieħla jiltaqa' l-Kunsill sabiex jibda jippjana dwar sehem il-Kunsill fil-Festa tal-Munxar. Kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir il-Ħamis, 6 ta' Mejju 2010 fl-4.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Mejju 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***